

31989L0107

11.2.1989

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 40/27

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Diċembru 1988

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw l-addittivi ma' l-ikel awtorizzati għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem

(89/107/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod speċjali l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

B'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Soċjali u Ekonomiku ⁽²⁾;

Billi d-differenzi bejn il-liġijiet nazzjonali dwar l-addittivi ma' l-ikel u l-kondizzjonijiet għall-użu tagħhom ifixklu l-moviment liberu ta' l-oġġetti ta' l-ikel; billi dawn jistgħu joħlqu kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni inġusta li taffettwa direttament il-mod kif jiġi stabbilit jew il-mod kif jiffunzjona s-suq komuni;

Billi l-approssimazzjoni ta' dawn il-liġijiet hija għalhekk meħtieġa;

Billi dawn il-ħtiġiet għandhom jiġu inklużi f'direttiva komprensiva, meta meħtieġa mfassla fi stadji;

Billi t-fassil tal-listi tal-kategoriji ta' l-addittivi ma' l-ikel li għandhom jiġu koperti b'direttiva huwa materja li għandha tiġi deċiża mill-Kunsill huwa u jaġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 100a tat-Trattat;

Billi l-użu ta' l-addittivi ma' l-ikel li jappartjenu għal dawn il-kategoriji għandhom jiġu awtorizzati biss fuq il-bażi tal-kriterji xjentifiċi u teknoloġiċi miftiehma stabbiliti mill-Kunsill;

Billi fit-fassil tal-listi ta' l-addittivi u tal-kondizzjonijiet għall-użu tagħhom il-Kumitat Xjentifiku dwar l-ikel, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 74/234/KEE ⁽³⁾, għandu jiġi kkonsultat qabel ma jiġu adottati d-dispożizzjonijiet li x'aktarx jaffettwaw is-saħħa pubblika;

Billi għandu jkun possibbli li tiġi adottata l-lista ta' l-addittivi awtorizzati skond l-iżviluppi xjentifiċi u tekniċi; billi f'dan il-każ, jista' jkun approprijat ukoll li jkun hemm, b'żieda mar-regoli tal-proċedura stabbiliti bit-Trattat, sistema li tippermetti lill-Istati Membri li jikkontribwixxu, permezz ta' l-adozzjoni ta' miżuri nazzjonali temporanji, li jfittxu soluzzjoni Komunitarja;

Billi l-mod kif jiġu stabbiliti l-kriterji tal-purità għal dawn l-addittivi ma' l-ikel u t-fassil tal-metodi ta' l-analiżi u ta' kif jittieħdu l-kampjuni huma materji tekniċi li għandhom jiġu fdati fidejn il-Kummissjoni;

Billi d-dispożizzjonijiet eżistenti Komunitarji dwar il-kuluranti, il-preservattivi, l-antiossidanti u l-emulsifikaturi, l-istabbilizzaturi, l-oġġetti li jgħaqqdu u l-aġenti li jagħtu l-ġel se jeħtieġu emendi fuq il-bażi ta' din id-Direttiva;

Billi, fil-każijiet kollha fejn il-Kunsill jagħti l-poter lill-Kummissjoni sabiex timplimenta r-regoli li għandhom x'jaqsmu ma' l-oġġetti ta' l-ikel, għandha ssir dispożizzjoni għal proċedura li tistitjonalizza l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti dwar l-Oġġetti ta' l-ikel stabbilit bid-Deċiżjoni 69/414/KEE ⁽⁴⁾;

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-addittivi ma' l-ikel li l-kategoriji varji tagħhom huma mogħtija fl-Anness I u li jintużaw jew maħsuba sabiex jintużaw bħala ingredjenti waqt il-fabbrikazzjoni jew it-tħejjija ta' l-oġġetti ta' l-ikel u li jkun għadhom preżenti fil-prodott finali, saħansitra jekk f'għamla mibdula, minn issa 'l quddiem imsejħa "addittivi ma' l-ikel".

2. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva "addittivi ma' l-ikel" ifisser kull sustanza li normalment ma tkunx ikkunsmata bħala ikel fih nnifsu u ma tkunx normalment użata bħala ingredjent karatteristiku ta' l-ikel sewwa jekk ikollha valur nutrijent u sewwa jekk le, li ż-żieda maħsuba tagħha ma' l-ikel għal skop teknoloġiku fil-fabbrikazzjoni, tal-proċessar, tat-tħejjija, tat-trattament, tal-imballaġġ, tat-trasport jew tal-ħażna ta' dan l-ikel jirriżulta, jew ikun mistenni b'mod raġjonevoli li jirriżulta, li hija huwa jew il-prodotti sekondarji tagħha jsiru direttament jew indirettament komponent ta' dan l-ikel.

⁽¹⁾ ĠU C 99, tat-13.4.1987, p. 65, u ĠU C 12, tas-16.1.1989.

⁽²⁾ ĠU C 328, tat-22.12.1986, p. 5.

⁽³⁾ ĠU L 136, tal-20.5.1974, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 291, tad-19.11.1969, p. 9.

3. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal
- (a) il-għajnuniet għall-ipproċessar ⁽¹⁾;
 - (b) is-sustanzi wżati għall-protezzjoni tal-pjanti u tal-prodotti mill-pjanti skond ir-regoli Komunitarji li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa tal-pjanti;
 - (ċ) it-taħwir għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel, li jidħlu fil-għan tad-Direttiva tal-Kunsill 88/388/KEE ⁽²⁾;
 - (d) is-sustanzi miżjuda ma' l-oġġetti ta' l-ikel bħala nutrijenti (per eżempju l-minerali, it-traċċi ta' l-elementi jew il-vitami-ni).

Artikolu 2

1. Rigward kull kategorija ta' addittiv ma' l-ikel elenkata fl-Anness I li għaliha tfaßlu listi skond l-Artikolu 3(8), dawk l-addittivi ma' l-ikel inklużi f'dawn il-listi biss jistgħu jintużaw fil-fabbrikazzjoni jew fit-tħejjija ta' l-oġġetti ta' l-ikel u skond il-kondizzjonijiet ta' l-użu speċifikat fihom.

2. L-inklużjoni ta' l-addittivi ma' l-ikel f'waħda mill-kategoriji fl-Anness I għandha tkun fuq il-bażi tal-funzjoni prinċipali normalment assoċjata ma' l-addittiv fil-kwistjoni fl-ikel imsemmi. Madankollu, l-allokazzjoni ta' l-addittiv lil kategorija partikolari ma teskludix il-possibiltà illi l-addittiv jiġi awtorizzat għal funzjonijiet diversi

3. L-addittivi ma' l-ikel għandhom jiġu inklużi f'lista fuq il-bażi tal-kriterji ġenerali deskritti fl-Anness II.

Artikolu 3

1. Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet partikolari rigward l-addittivi fil-kategoriji mogħtija fl-Anness I f'direttiva komprensiva, inklużi d-direttivi speċifiċi eżistenti dwar il-kategoriji partikolari ta' addittivi. Din id-Direttiva tista', madankollu, titfassal fi stadji.

2. Il-Kunsill għandu jadotta, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 100a tat-Trattat:

- (a) lista ta' l-addittivi li l-użu tagħhom huwa awtorizzat bleskluzjoni ta' l-oħrajn kollha;
- (b) il-lista ta' l-oġġetti ta' l-ikel li magħhom jistgħu jiġu miżjuda dawn l-addittivi, u, fejn approprjat, limitu fuq il-għan teknoloġiku dwar l-użu tagħhom;
- (ċ) ir-regoli dwar l-addittivi wżati bħala sustanzi u solventi ġarrara, inklużi fejn meħtieġa l-kriterji tal-purità tagħhom.

⁽¹⁾ Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, il-“għajnunata għall-proċessar” tfisser kull sustanza mhux ikkunsmata bħala ingredjent ta' l-ikel għalih innifsu, użata apposta fil-proċessar tal-materji prima, l-ikel jew l-ingredjenti tagħhom, biex twettaq ċertu għan teknoloġiku matul it-trattament jew il-proċessar u li tista' tirriżulta fil-preżenza mhux intenzjonata iżda li teknikament ma tistax tiġi evitata tal-fdalijiet tas-sustanzi jew tad-derivati tagħha fil-prodott finali, sakemm dawn il-fdalijiet ma jippreżentaw l-ebda riskju għas-saħħa u ma jkollhom l-ebda effett teknoloġiku fuq il-prodott imlesti.

⁽²⁾ ĠU L 184, tal-15.7.1988, p.61.

3. Dawn li ġejjin għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11:

- (a) il-kriterji tal-purità għall-addittivi fil-kwistjoni;
- (b) fejn meħtieġa, il-metodi ta' l-analiżi meħtieġa sabiex jivverifikaw illi jiġu sodisfatti l-kriterji tal-purità riferiti fil-(a);
- (ċ) fejn meħtieġa, il-proċedura sabiex jittieħdu l-kampjuni u l-metodi għall-analiżi kwalitattiva u kwantitattiva ta' l-addittivi ma' l-ikel ġewwa u fuq jew l-oġġetti ta' l-ikel;
- (d) ir-regoli l-oħra meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2.

Artikolu 4

1. Meta Stat Membru, b'riżultat tat-tagħrif il-ġdid jew ta' l-evalwazzjoni mill-ġdid tat-tagħrif eżistenti magħmulha minn mindu ġew adottati din id-Direttiva, jew id-direttiva komprensiva riferita fl-Artikolu 3, ikollu raġunijiet iddettaljati sabiex jikkunsidra li l-użu ta' l-addittivi ma' l-ikel, minkejja li jikkonforma ma' din id-Direttiva jew kull lista mfaßla skond l-Artikolu 3, jipperikola s-saħħa tal-bniedem, dan l-Istat Membru jista' jissospendi jew jirrestrinġi temporanjament l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-kwistjoni fit-territorju tiegħu. Għandu jgħarraf minnufih lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan u jagħti r-raġunijiet għad-deċizzjoni tiegħu.

2. Il-Kummissjoni għandha teżamina r-raġunijiet mogħtija mill-Istat Membru riferit fil-Paragrafu 1 malajr kemm jista' jkun fil-Kumitat Permanenti dwar l-Oġġetti ta' l-ikel, u mbaġhad għandha tagħti l-opinjoni tagħha u tieħu l-miżuri approprjati.

3. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra illi l-emendi għal din id-Direttiva jew għad-Direttiva komprensiva riferita fl-Artikolu 3 huma meħtieġa sabiex isolvu d-diffikultajiet riferiti fil-paragrafu 1 u sabiex jiżguraw il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, għandha tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11, bil-ħsieb li tadotta dawn l-emendi; l-Istat Membru li jkun adotta miżuri ta' salvagward jista' f'din l-okkażjoni jżommhom sakemm l-emendi jidħlu fis-seħħ.

Artikolu 5

1. Sabiex jitqiesu l-iżviluppi xjentifiċi jew tekniċi li jkun għaw minn mindu tkun ġiet adottata lista skond l-Artikolu 3, Stat Membru jista' jawtorizza b'mod proviżorju t-tqegħid fis-suq u l-użu ġewwa t-territorju tiegħu ta' kull addittiv minn waħda mill-kategoriji elenkati fl-Anness I u m'humiex inklużi fil-lista rilevanti sakemm jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet:

- (a) l-awtorizzazzjoni għandha tiġi limitata għal perjodu massimu taż-żmien ta' sentejn;
- (b) l-Istat Membru għandu jiżgura illi l-oġġetti ta' ikel li jkun fihom addittiv li jkun awtorizza hu stess jiġu sorveljati uffiċjalment;
- (c) fl-awtorizzazzjoni l-Istat Membru jista' jeħtieġ illi l-oġġetti ta' l-ikel iffabbrikati bl-addittiv fil-kwistjoni għandhom iġorru indikazzjoni speċjali.

2. L-Istat Membru għandu jikkomunika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bit-test ta' kull deċiżjoni dwar awtorizzazzjoni adottata skond il-paragrafu 1, fi żmien xahrejn mid-data li fiha d-deċiżjoni tkun daħlet fis-seħħ.

3. Qabel ma jiskadi l-perjodu taż-żmien ta' sentejn stabbilit fil-paragrafu 1(a) l-Istat Membru jista' jitlob lill-Kummissjoni li tinkludi fil-lista adottata skond l-Artikolu 3 l-addittiv li kien bla ħsara għall-awtorizzazzjoni nazzjonali skond il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Fl-istess waqt, l-Istat Membru għandu jipprova xhieda illi, fil-fehma tiegħu, tappoġġja din l-inklużjoni u għandu jindika kif għandu jintuża' l-addittiv. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra illi din it-talba hija ġġustifikata, għandha tħaddem il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 100a tat-Trattat sabiex temenda l-lista adottata skond l-Artikolu 3. Il-Kunsill għandu jaġixxi fuq proposta mressqa mill-Kummissjoni, fi żmien 18-il xahar mid-data li fiha l-każ ikun ġie referit lilu.

4. Jekk, fil-perjodu taż-żmien ta' sentejn stabbilit fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni ma tissottomettix proposta skond il-paragrafu 3, jew jekk il-Kunsill ma jaġixxi fil-perjodu taż-żmien ta' 18-il xahar stabbilit fil-paragrafu 3, l-awtorizzazzjoni nazzjonali għandha tiġi mħassra. Fl-istess waqt, kull awtorizzazzjoni konċessa minn Stat Membru ieħor għall-istess addittiv għandha tiġi mħassra.

5. L-ebda awtorizzazzjoni ġdida għall-istess addittiv ma tista' tiġi konċessa għajr jekk l-iżvilupp xjentifiku jew tekniku magħmul minn mindu jkun sar it-tħassir ipprovdut fil-paragrafu 4 jiġġustifika dan.

Artikolu 6

Id-dispożizzjonijiet li jista' jkollhom effett fuq is-saħħa pubblika għandhom jiġu adottati biss wara konsultazzjoni mal-Kumitat Xjentifiku ta' l-Ikel.

Artikolu 7

1. L-addittivi ma' l-ikel li ma jkunux għall-bejgħ lill-aħħar konsumatur jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk l-ippakkeġġjar jew il-kontenituri tagħhom iġorru t-tagħrif li ġej, li għandu ikun jidher sewwa, jinqara b'mod ċar u ma jitħassarx:

(a) — għall-addittivi ma' l-ikel mibjugħa waħda waħda jew imħallta flimkien, għal kull addittiv, l-isem stabbilit minn kull dispożizzjoni Komunitarja li tapplika u n-numru tiegħu tal-KEE jew, fin-nuqqas ta' dawn il-dispożizzjonijiet, id-deskrizzjoni ta' l-addittiv li tkun preċiża biżżejjed sabiex tgħinu jingħaraf mill-addittivi li jista' jiġi konfuż magħhom, fl-ordni dixxendenti skond il-proporzjon tal-piż fit-total,

— meta s-sustanzi jew il-materjali l-oħra jew l-ingredjenti ta' l-ikel li jiffaċilitaw il-ħażna, il-bejgħ, l-istandardizzazzjoni, id-dilwit jew il-hall f'addittiv ma' l-ikel jew f'addittivi ma' l-ikel jiġu inkorporati fl-addittivi, l-isem ta' l-addittiv skond l-ewwel inċiż u indikazzjoni għal kull komponent fl-ordni dixxendenti skond il-proporzjon tal-piż fit-total;

(b) — jew id-dikjarazzjoni "għall-użu fl-ikel",

— jew id-dikjarazzjonii "użu ristrett fl-ikel",

— jew referenza aktar speċifika għall-użu maħsub tagħha fl-ikel;

(c) jekk meħtieġ, il-kundizzjonijiet speċjali tal-ħażna u ta' l-użu;

(d) l-istruzzjonijiet dwar l-użu, jekk il-Kummissjoni teskludi l-użu xieraq ta' l-addittiv;

(e) marka li tidentifika l-lott;

(f) l-isem jew l-isem tan-negozju u l-indirizz tal-fabbrikant jew tal-pakkjatur, jew ta' bejjiegħ stabbilit fil-Komunità;

(g) indikazzjoni tal-perċentwal ta' kull komponent li jkun bla ħsara għal-limitazzjoni kwantitattiva f'ikel jew tagħrif adegwat dwar il-kompożizzjoni sabiex jgħin lix-xerrej jikkonforma ma' kull dispożizzjoni Komunitarja, jew fin-nuqqas tagħha d-dispożizzjonijiet nazzjonali, li japplikaw għall-ikel. Fejn l-istess limitazzjoni kwantitattiva tapplika għal grupp ta' komponenti wżati bil-waħda jew f'taħlita, il-perċentwal ikkmbinat jista' jingħata bħala ċifra waħda;

(h) il-kwantità netta;

(i) kull tagħrif ieħor ipprovdut fid-Direttiva riferita fl-Artikolu 3.

2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, it-tagħrif meħtieġ fit-tieni inċiż tal-punt (a), u l-punti (d) sa (g), jista' tidher sempliċement fuq id-dokumenti li jkollhom x'jaqsmu mal-kunsinna li għandhom jiġu forniti jew mal-kunsinna jew qabilha, sakemm l-indikazzjoni "maħsub għall-fabbrikazzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u mhux għall-bejgħ bl-immnut" tidher f'parti prominenti.

Artikolu 8

L-addittivi ma' l-ikel mhumiex maħsuba għall-bejgħ lill-aħħar konsumatur jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk l-imballaġġ jew il-kontenituri tagħhom iġorru t-tagħrif li ġej, li għandu ikun prominenti, jinqara b'mod ċar u ma jitħassarx:

- (a) l-isem li bih jinbigħ il-prodott. Dan l-isem għandu jkun ikkostitwit mill-isem stabbilit b'kull dispożizzjoni Komunitarja li tapplika għall-prodott fil-kwistjoni flimkien man-numru tiegħu tal-KEE jew, fin-nuqqas ta' dawk il-dispożizzjonijiet, b'deskrizzjoni tal-prodott li hija preċiża biżżejjed sabiex ikun jista' jingħaraf mill-prodotti li jista' jiġi konfuż magħhom:
- (b) it-tagħrif meħtieġ skond l-Artikolu 7(1)(a) sa (f), u (h):
- (ċ) id-data ta' kemm l-inqas iservi fit-tifsira ta' l-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 79/112/KEE⁽¹⁾;
- (d) kull tagħrif ieħor ipprovvdut fid-direttiva komprensiva riferita fl-Artikolu 3.

Artikolu 9

L-Artikoli 7 u 8 m'għandhomx jaffettwaw il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi iktar iddettaljati jew iżjed estensivi rigward il-piż u l-kejl, jew li japplikaw għall-preżentazzjoni, il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar tas-sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi jew it-trasport ta' dawn is-sustanzi

Artikolu 10

L-Istati Membri għandhom iżommu lura milli jistabbilixxu ħtiġiet iktar iddettaljati minn dawk li jinsabu fl-Artikoli 7 u 8 li jirrigwardaw il-mod li bih għandhom jiġu murija d-dettalji mogħtija fiha.

Il-partikolaritajiet iprovvduti fl-Artikoli 7 u 8 għandhom jidhru f'isem li jinftehem bla xkiel mix-xerrejja għajr jekk ikunu ġew mittieħda miżuri oħra sabiex jiżguraw illi x-xerrej ikun imgħarraf. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tipprevjeni milli dawn il-partikolaritajiet jiġu indikati f'isem varji.

Artikolu 11

1. Meta għandha tiġi segwita l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu, il-President għandu jirreferi l-materja lill-Kumitat Permanenti dwar l-Oġġetti ta' l-Ikel jew fuq inizjattiva tiegħu minfuq jew fuq it-talba tar-rappreżentant ta' Stat Membru.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz f'limitu taż-

żmien li l-President jista' jistabbilixxi skond l-urġenza tal-materja. L-opinjoni għandha tingħata bil-maġġoranza kwalifikata stabbilita fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat. Il-President ma għandux jivvota.

3. (a) Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri maħsuba meta dawn ikunu skond l-opinjoni tal-Kumitat;
- (b) meta l-miżuri maħsuba ma jkunux skond l-opinjoni tal-kumitat, jew fin-nuqqas ta' opinjoni, il-Kummissjoni għandha tissottometti minnufih lill-Kunsill proposta li jkollha x'taqsam mal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata.

Jekk, wara li jiskadu tliet xhur mid-data li fiha l-materja tkun ġiet referita lilu, il-Kunsill ma jkunx ħa l-ebda miżura, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri proposti.

Artikolu 12

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw illi l-addittivi ma' l-ikel li jappartjenu għall-kategoriji ddefiniti fl-Anness I jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk jikkonformaw mad-definizzjonijiet u r-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva u fl-Annessi ta' magħha.

2. L-Istati Membri ma jistgħux jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jostakolaw it-tqegħid fis-suq ta' l-addittivi ma' l-ikel, l-ikel jew l-ingredjenti ta' l-ikel għal raġunijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' l-addittivi ma' l-ikel, jekk dawn jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, id-direttivi speċifiċi eżistenti u d-direttiva komprensiva riferita fl-Artikolu 3

3. Il-paragrafu 2 m'għandux jaffettwa d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jgħoddu fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet korrispondenti fid-direttiva komprensiva riferita fl-Artikolu 3.

Artikolu 13

Għandhom jiġu adottati miżuri sabiex iġibu d-direttivi Komunitarji eżistenti f'linja ma' din id-Direttiva skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11.

Artikolu 14

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar min-notifika tagħha. Għandhom jgħarrafu lill-Kummissjoni b'dan minnufih. Il-miżuri meħuda għandhom:

— jawtorizzaw, wara sentejn min-notifika ta' din id-Direttiva tqegħid fis-suq u l-użu ta' l-addittivi ma' l-ikel li jikkonformaw ma' din id-Direttiva;

(¹) ĠU L 33, tat-8.2.1979, p. 1

— jipprojbixxu, mhux aktar tard minn tliet snin wara n-notifika ⁽¹⁾ ta' din id-Direttiva, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' l-addittivi ma' l-ikel li ma jaqblux ma' din id-Direttiva.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jaffetwa d-dispożizzjonijiet Komunitarji jew dawk nazzjonali li, fin-nuqqas tad-direttivi komprensivi riferiti fl-Artikolu 3, japplikaw għal ċerti gruppi ta' addittivi ma' l-ikel jew jispeċifikaw l-oġġetti ta' l-ikel li ġewwa fihom jew fuqhom jistgħu jintużaw l-addittivi ma' l-ikel li jikkonformaw ma' din id-Direttiva.

Artikolu 15

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1988.

Għall-Kunsill

Il-President

V. PAPANDREOU

⁽¹⁾ Din id-Direttiva ġiet innotifikata lill-Istati Membri fit-28 ta' Diċembru 1988.

L-ANNEX I

Il-Kategoriji ta' addittivi ma' l-ikel

Kulur
Priservattiv
Anti-ossidant
Emulsifikatur
Melħ li jemulsifika
Għaqqad
Aġent tal-ġel
Stabbilizzatur ⁽¹⁾
Sustanza li ttejjeb it-togħma
Aċidu
Regolatur ta' l-aċidità ⁽²⁾
Aġent ta' kontra t-tgħaqqid
Lantu mmodifikat
Sustanza li tagħti l-ħlewwa
Aġent li jgħolli
Aġent kontra r-raqhwa
Aġent li jiżmalta ⁽³⁾
Aġent tat-trattament tad-dqiq
Aġent li jissoda
Umettant
Sekwestrant ⁽⁴⁾
Enzima ⁽⁴⁾ ⁽⁵⁾
Aġent li jagħti l-massa
Il-gass propellanti u l-gass għall-imballaġġ

⁽¹⁾ Din il-kategorija fiha wkoll l-istabbilizzaturi tar-raqhwa.

⁽²⁾ Dawn jistgħu jaġixxu bħala regolaturi miż-żewġ naħat ta' l-aċidu.

⁽³⁾ Dawn is-sustanzi jinkludu l-lubrikanti.

⁽⁴⁾ L-inklużjoni ta' dawn it-termini f'din il-lista hija mingħajr preġudizzju għal kull deċiżjoni jew semmija fil-futur fit-tikkettjar ta' l-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-aħħar konsumatur.

⁽⁵⁾ Dawk li huma wżati biss bħala addittivi

L-ANNESS II

Il-kriterji ġenerali dwar l-użu ta' l-addittivi ma' l-ikel

1. L-addittivi ma' l-ikel jistgħu jiġu approvati biss jekk:
 - jistgħu jintwerew bħala ħtieġa teknoloġika raġjonevoli u li l-għan ma jistax jikiseb b'mezzi oħra li huma prattikabbli ekonomikament u teknoloġikament,
 - ma jippreżentaw l-ebda riskju għas-saħħa tal-konsumatur fil-livell ta' l-użu propost, safejn u sakemm jistgħu jiġu ġġudikati fuq ix-xhieda xjentifika disponibbli,
 - ma jingannawx lill-konsumatur.
2. L-użu ta' l-addittivi ma' l-ikel jista' jitqies biss meta jkun hemm xhieda illi l-użu propost ta' l-addittivi jista' jkollu vantaġġi li jistgħu jintwerew ta' benefiċċju għall-konsumatur, fi kliem ieħor jeħtieġ li jiġi stabbilit il-każ li għalih huwa b'mod komuni magħruf bħala "ħtieġa". L-użu ta' l-addittivi ma' l-ikel għandu jservi wieħed jew aktar mill-għanjiet iddikjarati fil-punti (a) sa (d) u biss fejn dawn il-għanjiet ma jistgħux jinkisbu b'mezzi oħra li huma ekonomikament u teknoloġikament prattikabbli u li ma jippreżentaw l-ebda riskju għas-saħħa tal-konsumatur:
 - (a) biex tiġi ppriservata l-kwalità nutrijenti ta' l-ikel: tnaqqis maħsub fil-kwalità nutrijenti ta' l-ikel ikun iġġustifikat biss fejn l-ikel ma jikkostitwixxi parti sinifikanti mid-dieta normali jew fejn l-addittiv huwa meħtieġ għall-produzzjoni ta' l-ikel għal gruppi ta' konsumaturi li għandhom ħtiġiet speċjali tad-dieta;
 - (b) biex jipprovdi l-ingredjenti meħtieġa jew il-kostitwenti għall-ikel iffabbrikati għal gruppi ta' konsumaturi li jkollhom ħtiġiet speċjali tad-dieta;
 - (c) sabiex itejjeb il-kwalità ta' kemm iservi jew ta' l-istabbiltà ta' l-ikel jew biex itejjbu l-proprietajiet organolettiċi, sakemm dan ma jbidilx b'daqshekk in-natura, is-sustanza jew il-kwalità ta' l-ikel hekk li jqarraq lill-konsumatur;
 - (d) sabiex jipprovdi għajnuniet fil-fabbrikazzjoni, fil-proċessar, fit-tnejja, fit-trattament, fil-imbagg, fit-trasport jew fil-ħażna ta' l-ikel, sakemm l-addittiv ma jintużax sabiex jaħbi l-effetti ta' l-użu tal-materji prima li jkollhom ħsara jew tal-prattiki jew tat-tekniki mixtieqa (inklużi dawk mhux iġeniċi) matul il-kors ta' kull waħda minn dawn l-attivitajiet.
3. Sabiex jiġu evalwati l-effetti ta' ħsara ta' addittiv ma' l-ikel jew tad-derivati tiegħu, għandu jiġi soġġett għat-testijiet u l-evalwazzjoni tossoloġiċi approprijati. L-evalwazzjoni għandha tqis ukoll, per eżempju, kull effett kumulattiv, sinerġistiku jew li tagħti l-potenzjal ta' l-użu tiegħu u tal-fenomena ta' l-intolleranza tal-bniedem għal sustanzi barranin għall-ġisem.
4. L-addittivi kollha ma' l-ikel għandhom jinżammu taħt osservazzjoni kontinwa u għandhom jiġu evalwati mill-ġdid meta meħtieġ fid-dawl tal-kondizzjonijiet dejjem jinbidlu ta' l-użu u tat-tagħrif xjentifiku ġdid.
5. L-addittivi ma' l-ikel għandhom l-ħin kollu jikkonformaw mal-kriterji approvati tal-purità.
6. L-approvazzjoni għall-addittivi ma' l-ikel għandha:
 - (a) tispeċifika l-oġġetti ta' l-ikel li magħhom jistgħu jiżdiedu dawn l-addittivi u l-kundizzjonijiet li fuqhom jistgħu jiġu miżjuda;
 - (b) tkun limitata għall-inqas livell ta' l-użu meħtieġ sabiex jinkiseb l-effett mixtieq;
 - (c) tqis kull teħid ta' ikel aċċettat ta' kuljum, jew l-evalwazzjoni ekwivalenti, stabbiliti għall-addittiv ma' l-ikel u t-teħid probabbli ta' l-ikel tiegħu ta' kuljum mis-sorsi kollha. Fejn l-addittiv ma' l-ikel għandu jintuża' f'ikel li jittiekel minn gruppi speċjali ta' konsumaturi, għandu jiġi meqjus l-ammont probabbli ta' l-addittiv ma' l-ikel li jittiekel kuljum mill-konsumaturi f'dawn il-gruppi.